repubblika

5 ta' Frar 2022

L-Awditur Ġenerali
L-Uffiċċju Nazzjonali dwar il-Verifika
Notre Dame Ravelin
Il-Floriana

Sur Awditur Ġenerali:

DWAR: INFIEQ PUBBLIKU GĦALL-PUBBLIĊITÀ GĦALL-GVERN FIL-MEZZI TAL-PARTIT LABURISTA

Qed niktbulek ipprovokati minn suppliment li deher fl-edizzjoni tas-16 ta' Jannar 2022 tal-gazzetta KullĦadd li hi propjetà tal-Partit Laburista. Ma dehritx pubbliċità komparabbli fuq mezzi oħra u allura hu ċar li dan l-infieq sar esklussivament u direttament mal-partit fil-gvern.

Dan għandu numru t'implikazzjonijiet:

1. Il-mezzi tal-Partit Laburista huma motivati minn jeddhom li jagħmlu pubbliċità lil gvern tal-Partit Laburista. Kwalunkwe spiża dawn il-mezzi jista' jkollhom biex iġorru l-ispazju li xtara l-Gvern aktarx kienu se jagħmluha xorta. Hu għalhekk li hu raġjonevoli wieħed jikkonkludi li din it-tip ta' pubbliċità hi għata għal trasferiment illeġittimu ta' flus pubbliċi lill-Partit tal-Gvern.

2. Il-qarrej tipiku tal-mezzi tal-Partit Laburista hu simpatizzanti għall-azzjonijiet tal-Gvern u ammiratur tal-inizjattivi tiegħu mingħajr il-bżonn ta' nfieq f'pubbliċità biex tipperswadih mill-istess. Dan jagħmel dan l-infieq flus moħlija.

3. Il-Gvern għandu diskrezzjoni assoluta kif u fejn jirreklama u s'issa irrifjuta kull forma ta' rakkommandazzjoni magħmula fuq mudelli applikati minn gvernijiet oħra dwar kif għandhom jintefqu flejjes pubbliċi f'pubblicità fuq bażi ta' skemi predeterminati u fuq kriterji oġġettivi ta' effettività u valur għall-flus minfuqa.

repubblika

4. Meta d-diskrezzjoni assoluta tal-Gvern fil-mod kif jitqassam l-infieq f'pubbliċità tiġi eżerċitata b'dan il-mod, il-Gvern jippremja lill-mezzi li jappoġġjawh u jikkastiga (billi jċaħħdilhom infieq magħhom f'pubbliċità) lil dawk li ma jappoġġjawhx. Dan jikkostitwixxi theddida għal-libertà tal-espressjoni. Jikkostititwixxi wkoll amministrazzjoni ħażina tal-fondi pubbliċi għax ifisser li l-Gvern – li għandu l-obbligu li jinforma lil kulħadd bl-aġir u l-inizjattivi tiegħu indipendentement minn x'mezzi tal-komunikazzjoni jippreferu jużaw – jonqos li jikkomunika ma' min ma jaqrax 'il KullĦadd iżda jippreferi jaqra jew jara mezzi oħra.

Mhux kull aspett minn dawn il-kunsiderazzjonijiet hu fil-mansjoni tiegħek ta' Awditur Ġenerali. Iżda hu ċar għalina li jkun ġustifikat li f'dan il-każ u possibilment f'analiżi usa tal-mod li bih il-Gvern jalloka l-fondi pubbliċi għal xiri ta' spazju pubbliċitarju fil-mezzi tal-komunikazzjoni jkunu eżaminati mill-perspettiva ta' valur għall-flus minfuq u t'infieq responsabbli u ekwu tal-fondi pubbliċi.

In-nuqqas assolut ta' proċedura stabbilità u ta' kriterji oġġettivi, li jistgħu jitkejlu u li l-effettività tagħhom ukoll tista' titkejjel qed, fil-fehma tagħna, jippermetti ħela jekk mhux serq ta' fondi pubbliċi.

Nitolbuk tivverifika dawn il-fatti u tieħu l-azzjoni li jidhirlek xierqa.

Bir-rispett,

Robert Aquilina

29, Pjazza tal-Knisja, L-Imqabba MQB 1011, Malta
repubblika.org